# Kunsill Lokali Kalkara ( Kalkara Local Council )

KALKARA

1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara. Malta KKR1330
Email: Kalkara.lc@gov.mt **Tel. No**: 0035621665500
Website: www.kalkaralocalcouncil.com **Fax. No**: 0035621665566

**Seduta nru 2/09-10**

**Data**: 16/07/09

**Hin**: 17.30p.m.

**Post**: Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti**:
Michael Cohen – Sindku
Norbert Grech – Vici Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier SKUZAT

**Minuti:**

Il-minuti tal-laqgha gew approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku Michael Cohen sekondat mill-Kunsilliera Maria Sultana.

1: **Korrispondenza:-**

1.1 Il-Kunsill ircieva ittra indirizzata lis-Sindku u lill-Kunsill kollu minghand l-Onor Michael Falzon fejn dan wera x-xewqa tieghu li jiltaqa mal-Kunsill. Is-Sindku qara l-ittra lill-kunsilliera u ippropona li l-Onor Michael Falzon jigi mistieden fis-seduta li jmiss tal-Kunsill fejn issir il-laqgha mieghu waqt is-seduta. Il-Kunsill kollu qabel ma din il-proposta.

1.2 Il-Kunsill ircieva ittra mill-Kunsill pastorali tal-Isla ghall-hruq tan-nar minn Bighi. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera qablu li m'hiex ix-xewqa taghhom jirrifjutaw permessi pero minhabba cirkustanzi li nqalghu wara l-festa, fosthom persuna anzjana ssib murtal fuq il-bejt tar-residenza taghha u fuq ilment mill-Kalkara Boatyard li minhabba l-murtali li nharqu fil-vicin, inharqet tinda ta' Yacht, il-Kunsill irid jiddiskuti sew mal-entitajiet involuti sabiex mis-sena d-diehla jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha possibbli. Gie diskuss li idealment jinqala barkun u n-nar jinharaq minn fuqu sabiex ma jinholoqx inkonvenjent lir-residenti tal-vicin. Il-Kunsilliera Maria Sultana semmiet il-possibilita li jafu jinhbew xi bombi fuq ir-ramel peress li tintuza anke l-bajja biex jinharaq in-nar u ma jkunx safe ghal min jiffrekwenta il-bajja ghall-ghawm. Il-Kunsill qabel mal-idea tal-barkun u gie deciz li jsiru laqghat maz-zewg kazini dwar kif ghandu jinharaq in-nar mis-sena d-diehla l'hemm.

1.3 Il-kumpannija Melita Cable ghamlet talba ghal-permess ta' kaxxa li minnha jkunu ghaddejjin il-komunikazzjonijiet taghha fuq il-bankina ta' Triq Rinella faccata tac-Centru Parrokjali. Il-Kunsill qabel li peress li din il-kaxxa tingombra ftit il-bankina il-kumpannija ghandha tara li jitwahhal railing ma l-istess kaxxa sabiex in-nies, specjalment l-anzjani li jkunu qed jaghmlu uzu minn din il-bankina jkunu jistghu izommu mieghu ,huma u tielghin it-telgha. Ghalhekk il-permess ghandu jinghata fuq dan il-binjarju.

2: **<u>Tqassim tad-Dekasteri</u>**:-

2.1 Is-Sindku ressaq proposti ghat-tqassim ta' dekasteri lil kull Kunsillier huwa ta kopja miktuba tar-responsabbilitajiet ta kull Kunsillier. Kopja dettaljata qieghda tigi annessa mal-minuti. Is-Sindku staqsa wkoll jekk hemmx xi kunsillier li jrid iqajjem xi punti fuq dak li gie mqassam. Kulhadd deher li qabel fuq dak li gie moghoti lilhom.

**3: <u>Proposta ghac-Cimiterju fil-Kalkara</u>:-**

3.1 Is-Sindku ressaq propost sabiex il-Kunsill japplika ghac-Cimiterju ta' Wied Ghammieq bhala cimiterju ghall-Kalkara. Huwa fiehem lill-Kunsill li dan ic-Cimiterju huwa proprjeta tal-Lands Department u ghalhekk il-Kunsill jista jaghmel talba ghad-devoluzzjoni tal-art imsemmija. Is-Sindku ipprezenta lill-Kunsill, l-istima u l-pjanti tal-perit ghal dan il-progett. Il-Kunsill qabel b'vot unanimu ma din il-proposta u li ghalhekk se jibda l-process minnufih.

**4. <u>Proposta ghall-attivitajiet kulturali u muzikali matul is-sena</u>:-**

Is-Sindku informa lill-Kunsill b'dawn l-avvenimenti ghal-matul is-sena:

4.1 Nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009 ser isir il-ftuh ufficjali tal-Kappella tas-Salvatur mill-Ministeru tar-Rizorsi u l-affarijiet Rurali flimkien mal-Kunsill Lokali. Ghal din l-attivita ser jitqassmu l-flyers f'kull dar.

4.2 Is-Sindku qal li qieghed jippjana kuncerti li l-Kunsill ma johrogx flus ghalihom li ser ikunu wiehed f' Awwissu u l-iehor f'Settembru.

4.3. Il-Kunsillier Roderick Mizzi jorganizza l-attivita tal-Breakdance flimkien mal-agenzija Sedqa dan is-sajf.

4.4 Nhar l-20 ta' Dicembru, fiz-zmien tal-Milied isir kuncert minn grupp gospel fil-Knisja, li jigi organizzat mill-kappillan bl-ghajnuna mill-Kunsill.

4.5 Ghall-Jum il-Kalkara isir il-Kuncert tal-Banda bhas-sena li ghaddiet wara l-Quddiesa tal-okkazjoni u jkun mistieden ukoll il-President tar-Repubblika ta' Malta. Ghall-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara 2009 issir Maratona b'risq xi missjoni.

## 5: Youth Exchange

5.1 Is-Sindku qal li l-ewwel group tal-Youth Exchange tela` ilbierah fl-Islovakkja fejn flimkien maz-Zghazagh telgha l-Kunsillier Roderick Mizzi bhala rapprezentant tal-Kunsill.

## 6: Gemellagg

6.1 Dan is-suggett ghad irid jigi diskuss minhabba li t-Taljani ghadhom ma baghatu l-ebda korrispondenza dwar il-mawra taghhom il-gimgha d-diehla.

## 7. Aggornament

Is-Sindku qal li kull kunsillier ghandu jghaddi kopja tal-aggornament tieghu bil-miktub lis-Segretarja.

7.1 Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:

7.1a Kors tal-aerobika f'Ottubru u possibilment tintuza is-sala tal-iskola primarja. Il-Kunsilliera Maria Sultana offriet li tkellem lill-kap tal-iskola sabiex tara l-possibilita li tibbukja s-sala u x'tinvolvi bhala finanzi.

7.1b Korsijiet tal-Cottage Craft/ Bizzilla. Jibdew nhar it-3 t' Awwissu u l-5 t' Awwissu u jikkonsisti fi 8 lezzjonijiet ta' saghtejn il-wahda.

7.1c Korsijiet tad-Drama fic-Centru Parrokjali li jikkonsistu f'10 lezzjonijiet bejn is-6.00 u s-7.00 ta' filghaxija jibdew nhar l-4 t' Awwissu.

7.1d Jibdew ir-registrazzjonijiet ghall-Injections tal-Influwenza.

7.1e Talba biex jibda jkun hemm transport mill-Kalkara ghall-Wied il-Ghajn. Ghal din il-proposta is-Sindku qal li ghandhom isiru appelli mal-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku peress li dalwaqt ser jibdew il-proceduri ghar-riforma tat-Trasport Pubbliku.

7.1f Harga ghal-Ghawdex fix-xhar ta' Settembru.

7.2 Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti:

7.2a: Centru Civiku ghall-Kalkara – Hija staqsiet dwar il-parti ta isfel tal-iskola li l-Kunsill wera nteress jitlob devoluzzjoni taghha. Is-Sindku qal li fil-jiem li gejjin se jitlob lill-Perit Chris Azzoopardi sabiex ihejji l-pjanti necessarji biex jigu diskussi fil-laqgha li jmiss. Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li hi diga tkellmet mal-Ministru Cristina peress li l-area tappartjenti lil Edukazzjoni u anke lill-FTS fejn dawn qajjmu l-punt li dik l-area xorta ghandha titranga minhabba li hija fi stat hazin hafna u anke ikkundannata.

7.2b: Il-Kunsilliera giet avvicinata minn xi nies minn Triq San Mikiel dwar il-problema li ghandhom bil-hamiem minhabba li l-ventelaturi tad-djar taghhom qieghedin iservu bhala bejta. Hija ssuggeriet li issir

laqgha mar-residenti u dawk li jaqblu jinghalqulhom il-venetelaturi.  Is-Sindku u l-Kunsill qabel ma din il-proposta.

7.2c: Manutenzjoni: Monument fil-Pjazza Sagra Familja, titranga l-bankina qabel it-tarag ta' Triq San Guzepp, titranga l-bankina u railing quddiem il-flats ta' Blk 3.

7.2d: Dawl gdid bhal riflettur fid-dahla tal-garaxxijiet ta' Triq is-Sienja.

7.2e: Titnehha l-open skip li tpoggiet fl-Iskola Primarja li ilha hafna hemm.

7.2f: Il-Blood mobile unit nhar id-19 ta' Lulju.

7.2g: Riflettur quddiem il-Holma Store jixghel u jitfi u bozoz tal-telgha ta' Bighi faccata tar-Restauration Centre mitfijin.

7.2h: Isir railing fuq il-bankina mal-kantuniera tad-dar bejn triq il-Missjoni Taljana u Triq il-Luqqata.

7.3 Il-Vici Sindku Norbert Grech qajjem dawn il-punti:

7.3a Jitrangaw ir-rampi ezistenti ta' Triq San Leonardu minhabba li m'ghadhomx jinhassu ghat-traffiku.

7.3b Titnaddaf il-flower bed li hemm fejn id-djar tal-Gvern ta' Triq il-Kapuccini li taghti ghat-tarag ta' Trejqet Francesco Chircop.

Michael Cohen | Sharon Galea Iriele
Sindku | Seg Ezekuttiv